

Brussell, 28 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7379/25
PV CONS 16
AGRI 115
PECHE 74
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(**Agrikoltura u Sajd**)
25 ta' Marzu 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 7157/25.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġislattiva

7217/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

7218/25

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji



6780/25

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-19.03.2025

5123/25 + ADD 1
+ ADD 1 COR 1
EF

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Impjiegi u Politika Soċjali

2. Regolament dwar l-istatistika tal-Unjoni Ewropea tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji



6930/25

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-19.03.2025

17082/24 + COR 1
(ro) + ADD 1
SOC

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill (bażi legali: l-Artikolu 338(1) TFUE).

Affarijiet Ġenerali

3. Regolament dwar strument għall-iżvilupp u t-tkabbir tar-Reġjuni tal-Fruntiera (BRIDGEforEU)

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-19.03.2025

1C 6785/25 + COR 1
+ ADD 1 + ADD 1
COR 1 (sl)
+ ADD 1 COR 2
(bg)
17102/24 + ADD 1
COH

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, bl-astensjoni taċ-Ċekja (bażi legali: l-Artikolu 175 TFUE). Dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

AGRIKOLTURA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Komunikazzjoni dwar Viżjoni għall-Agrikoltura u l-Ikel *Dibattitu ta' orjentazzjoni*

2J 6895/25
6385/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni, u tal-kummenti mid-delegazzjonijiet u t-tweġiba tal-Kummissjoni.

Affarijiet oħra

4. Agrikoltura

a) Konferenza ta' livell għoli "Politika Agrikola Komuni għas-sigurtà tal-ikel" (Varsavja, 5 ta' Marzu 2025) *Informazzjoni mill-Presidenza*

2J 6852/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-Konferenza "Politika Agrikola Komuni għas-sigurtà tal-ikel" u tal-kummenti magħmula mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

- b) **Emendi għar-Regolament (UE) 2021/2115 biex jinkludi x-xiri ta' annimali għat-tnissil bħala nefqa eliġibbli tal-FAEŻR**  7242/25
Informazzjoni mir-Rumanija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija. Ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

Sajd

- c) **Implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd fir-rigward tal-marġni ta' tolleranza (MOT) permess fis-sajd ta' ħut pelaġiku żgħir żbarkat mhux magħżul**  7122/25
Informazzjoni mil-Latvja u l-Litwanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mil-Latvja u l-Litwanja dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tar-regolament dwar il-kontroll tas-sajd għall-marġni ta' tolleranza permess applikat fis-sajd pelaġiku żgħir li jinħatt l-art mhux magħżul fil-Baħar Baltiku, kif ukoll tal-kummenti magħmula mid-delegazzjonijiet u l-Kummissjoni.

- d) **Appoġġ futur għas-sajd tal-UE**  7123/25
Informazzjoni min-Netherlands, b'appoġġ mill-Belġju, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta min-Netherlands, u appoġġata mill-Belġju, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija u Spanja, dwar l-appoġġ futur għas-sajd tal-UE. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

- e) **Kampanja tal-akkwakultura tal-UE: settur importanti tal-UE, li jaħdem bil-qalb**  7124/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-kampanja ta' komunikazzjoni komprensiva li jmiss għall-promozzjoni tal-akkwakultura sostenibbli tal-UE, kif ukoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet.

Agrikoltura

f) Tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer (FMD) fl-Ungerija

 7274/25

Informazzjoni mill-Ungerija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ungerija dwar it-tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Ungerija, kif ukoll tal-appoġġ tas-Slovakkja minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika simili tagħha.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet dwar dan is-suġġett, kif ukoll tal-intervent mill-Kummissjoni.



L-ewwel qari



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 7218/25

Dwar il-punt "A"
nru 3:

Regolament dwar strument għall-iżvilupp u t-tkabbir tar-Reġjuni tal-Fruntiera (BRIDGEforEU)
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja hija tal-opinjoni li l-fruntieri marittimi fis-sens tal-Artikolu 2(1) tal-abbozz ta' Regolament ('*Dan ir-Regolament japplika għal ostakli transfruntieri f'reġjuni tal-fruntieri fuq l-art jew marittimi ta' Stati Membri ġirien*') jikkonċernaw biss il-fruntieri marittimi Ġermaniżi mar-Renju tan-Netherlands, ir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika tal-Polonja."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-emenda tal-koleġislaturi għall-proposta emendata tagħha li jitneħħa l-obbligu li jiġu stabbiliti reġistri pubbliċi nazzjonali dwar fajls transfruntieri u jinżamm reġistru uniku fil-livell tal-UE għandha implikazzjonijiet baġitarji u tar-riżorsi umani għall-Kummissjoni. Dawn huma deskritti fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġislattiva ppreżentata lill-koleġislaturi."
